**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 539/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**vs**

**TYSON GRECH**
**(ID: 444995M)**

**Illum, 29 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **TYSON GRECH** ta' 23 sena, iben Jacob u Nicolina Portelli imwieled Pieta` nhar it-12 t'Ottubru 1995, residenti 64, Flat 1, Triq San Frangisk, Senglea, u detentur tal-karta ta' l-identita` 444995M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-14 u fil-15 ta' Awwissu 2019 gewwa Bormla u/jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, fuq il-gisem ta' -omissis- ;

2. Bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mill-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit theddid ta' aġir bħal dan, ikkaguna lil -omissis- tikkommetti xi atti sesswali mhux kunsenswali;

3. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil -omissis- sabiex joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;

4. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati mill Mgt. Dr. Claire Stafrace LL.D. nhar is-26 ta' April 2019 meta nghata l-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal €10,800

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Tyson Grech u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,800 ewro tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat illi waqt l-ezami l-imputat wiegeb li mhux hati ;

Rat in-nota ta' -omissis- tad-9 ta' Settembru 2019 li permezz tagħha talbet li tiġi ammessa bhala parti offiza fil-proceduri;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali mibghuta għall-fini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz tagħha huwa indika li tista' tinstab htija taħt:-

1. Fl-artikoli 18, 198(1)(3)(4), 201(b), 206 u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 198(1)(2)(4), 201(b), 206 u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 86 u 87(1)(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18, 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 15A(1)(2), 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2021 jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2021;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa każ ta' allegat stupru. Mill-fatti li joħorgu mill-atti tal-kawża jirriżulta illi dan il-każ seħħ meta -omissis- , tfajla ta' dsatax-il sena, ftiehmet mal-imputat, Tyson Grech ta' tlieta u ghoxrin sena, li joħorgu flimkien fil-għaxija nhar l-Erbgha 14 ta' Awwissu 2019. Iż-żewġ żgħażagħ kienu ilhom madwar jumejn jibghatu lil xulxin fuq mezzi ta' midja soċjali iżda qatt ma kienu ltaqghu fizikament qabel hargu flimkien fl-14 ta' Awwissu 2019. Dakinhar, huma marru bil-vettura tal-imputat ġewwa restaurant Tigne, xorbu l-inbid u mbaghad telqu mill-istabbiliment bl-istess vettura u spiċċaw fid-dar tieghu ġewwa Bormla fejn hemmhekk kien hemm kuntatt sesswali bejniethom. -omissis- tallega li hija ma tiftakar xejn minn dak li gara wara li telqu mill-istabbiliment, għaliex raqdet kif dahlet fil-vettura tal-imputat, u meta qamet fil-għodu, sabet ruhha ġewwa post mhux familjari, liebsa biss il-hwjjeg ta' taħt u ħasset ukoll uġigħ fil-parti intima tagħha fejn hemmhekk, l-imputat sforza ruhu fuqha u ppenetraha kontra r-rieda espressa tagħha. L-imputat, da parti tieghu, filwaqt li jaqbel li kien hemm kuntatt sesswali bejniethom, jinsisti li dan seħħ tliet darbiet b'kollox u dejjem bil-kunsens u volonta` ta' -omissis- .

Ikkunsidrat;

**Minn dak li xehdet -omissis-**[1], jirriżulta illi fl-14 ta' Awwissu 2019 l-imputat mar ghaliha bil-vettura tieghu u kienu ltaqghu hdejn il-pjazza ta' Bugibba għall-habta tas-6.45 p.m. Hija xehdet li meta huma kienu qeghdin jikkomunikaw bejniethom biex jiltaqghu, lill-imputat hija kienet qaltlu li ma riditx iddum hafna għaliex xtaqet tmur ghand kugintha li toqghod Santa Venera, għalkemm ma kienetx miftiehma maghha li kienet sejra torqod għandha dakinhar. Hija fissret li ma kienetx ftiehmet mal-imputat f'liema stabbiliment kienu sejrin iżda marru go restaruant Tigne Point fejn hemmhekk ordnaw żewġ fliexken tal-inbid. -omissis- xehdet illi ma tiftakarx fuq x'hiex kienu

[1] Xhieda tad-9 ta' Settembru 2019.

qed jitkellmu iżda ma kienx hemm ħafna konversazzjoni bejniethom għaliex Tyson Grech ghamel il-maġġoranza tal-ħin fuq il-mobile. Wara li xorbot tazza inbid, bdiet thossha naqra imxengla u lill-imputat qaltlu li l-inbid kien qed jeħodha u li kienet sejra tieqaf tixrob. L-imputat qalilha biex tixrob tazza ohra tal-inbid u hija qaltlu li dik kienet ser tkun l-aħħar tazza għaliex ma kienetx qieghda tħossha sew. Iżda minkejja li qaltlu hekk, huwa xorta wahda sforzaha biex tixrob tazza inbid ieħor u dan billi ssikkaha bil-kliem u ferralha tazza kwazi mimlija u qalilha tixrobha kollha f'daqqa[2] qabel jitilqu mir-restautant. Hi hekk għamlet u ħalliet biss naqra inbid fit-tazza.

-omissis- qalet illi tiftakar miexja lejn il-karozza tal-imputat, li kienet ipparkjata kwazi eżatt ħdejn ir-restaurant ida wara li dahlet fil-karozza iżda qabel bdew isuqu, hija ma tiftakar xejn iktar (« *speci rqad*t ») ħlief illi fil-għodu għall-habta tas-7.00 am jew 7.30 am, qamet u sabet ruħha ġewwa post mhux familjari, liebsa biss panty u brassiere u l-imputat kien ħdejha fuq is-sodda liebes boxer shorts mingħajr ma taf kif spiċċat hemmhekk. Hija bdiet tħoss uġigħ minn ġewwa, fil-parti t'isfel, speċi ta' tingiż, liema uġigħ qatt ma ħassitu qabel f'ħajjitha, iżda beżghet issaqsi lill-imputat x'kien ġara bil-lejl. Hi xehdet hekk :- « *Jien bdejt nibza' nsaqsieh as such x'gara, kif spiccajt … ifhem jien meta qomt hadt qatgha, tipo ma kontx naf fejn qeghda u hekk.* »[3]

Hija spjegat illi għall-bidu ma setgħetx issib il-ħwejjeġ tagħha iżda mbaghad dawn instabu fil-bunk bed ta' fuq u waqt li kienet bil-qiegħda fuq is-sodda b'saqajha magħluqin, l-imputat tefagħha fuq is-sodda u « *gie jerga' jipprova* » billi imbottaha lura. Hi xehdet hekk :- « *U jien bdejt nipprova nimbuttah minn sidru biex … u ghidtlu 'ma rridx' u hu baqa' jisforza biex dan. U qabad il-bzieq u tefaghha mal-parti tieghu u dahhalha f'tieghi.* »[4] Qalet li dak il-hin kienet liebsa panty u brassiere u biex jippenetraha, l-imputat ressqilha l-panty. Qalet ukoll li waqt l-att, huwa « *Beda jzommli b'sahhtu biex ma nimbuttahx lura … u bdejt nipprova numbuttah minn sidru biex ma jaghmilx mieghi. Ghidtlu 'jien ma rridx…* » Iżda minkejja li hija pprovat

[2] Fol. 31.
[3] Fol. 46.
[4] Fol. 33.

twaqqfu, l-imputat baqa’ ghaddej u kien ukoll dawwarha fil-ġenb tal-lemin tagħha, u rega’ ppenetraha min-naħa ta’ wara. Dak il-hin hija reġgħet qaltlu « *le ma rridx* » u l-imputat qalilha « *Inti hekk ?* » fejn hi wegbitu « *hekk kif ?* » *Ghidtlu ‘jien dejjem inhalli qiesu xahar biex naghmel ma’ xi hadd.* » Qalet ukoll li l-imputat baqa’ ghaddej u eġakula ġo fiha u b’kollox l-att sesswali dam għaddej sitta jew seba’ minuti.

Kompliet tixhed li wara l-att sesswali, hija libset u qaltlu biex iwassalha d-dar u kien biss meta għaddew bil-karozza minn ħdejn l-Għassa tal-Bormla li hija rrejalizzat li l-appartament fejn sabet ruhha meta qamet, kien jinsab il-Bormla. -omissis- ikkonfermat illi lill-imputat ma kellmitux waqt li kien qed iwassalha d-dar u lanqas hu ma kellimha, għalkemm kien tkellem ma’ xi hadd fuq il-mobile. Xehdet ukoll li hija ma regghetx ikkomunikat mieghu iżda huwa kien baghtilha messagg fil-ghaxija fejn saqsiha jekk ghadhiex hajja, iżda hija ma kienetx wegbitu.

-omissis- xehdet li wara li waslet id-dar, marret il-Polyclinic għaliex beda jaqbadha hafna uġigħ f’genbha u rat id-demm u minn hemmhekk bagħtuha l-Isptar. Qabel marret l-iSptar marret id-dar u meta ommha staqsietha għaliex kienet sejra l-Isptar, hija rrakkontat lil ommha dak li kien gralha, għalkemm ma qaltilhiex kollox għaliex irragunat li ahjar tibqa’ zzomm go fiha u kien ukoll minhabba f’hekk li ma kienetx bi hsiebha tirrapporta l-każ lill-Pulizija. Iżda, kompliet tixhed, meta marret l-Isptar flimkien ma’ ommha, ommha qaltilha li ahjar tghid lill-Pulizija x’gara u kienet l-istess ommha li staqsiet ghal Pulizija. Skont -omissis- , sadanittant hija ma qalet lil ħadd ħlief lil ommha x’kien ġralha. Qalet li x’hin waslu l-Pulizija, hi bdiet tiddejjaq : « *bdejt nibza’ nghidilhom, jigifieri bdew isaqsuni x’gara. Min ... u hekk u għall-ewwel ma ghidtilhomx ... Lill-Pulizija. Imbaghad kienu regghu gew, u staqsewni ‘Trid taghmel pass ?*’ »[5] Kompliet tispjega illi kienet ommha li pperswadietha biex taghti l-verżjoni tagħha lill-Pulizija għaliex kienet qaltilha li jekk ma taghmilx hekk, ‘il quddiem din il-grajja taffettwaha u thossha mdejqa. Fissret ukoll li l-Pulizija kienu

[5] Fol. 50.

gew darbtejn ikellmuha meta kienet l-Isptar u kien biss fit-tieni okkażżjoni li ddecidiet li tghidilhom x'kien gara.

In kontro-ezami, -omissis- nnegat illi kienet ftiehmet mal-imputat li jmorru d-dar tagħha ġewwa Bugibba wara li telqu mir-restaurant u insistiet li fuq Instagram hija kienet qaltlu li kienet bi ħsiebha tmur Santa Venera ghand kugintha, għalkemm ma kienetx reġgħet qaltlu b'dan meta ltaqghu. Ikkonfermat illi għalkemm kienet bi ħsiebha terga' tgħidlu lill-imputat biex iwassalha ghand kugintha, meta dahlet fil-karozza raqdet u ma tiftakarx x'gara. Fix-xhieda tagħha, qablet ukoll li waqt li kienu fir-restaurant, hija qamet minn fejn kienet bilqiegħda u marret tpoġġi hdejn l-imputat u bisitu, iżda insistiet li dan għamlitu għaliex kien talabha hu wara li kienet xorbot l-ewwel tazza ta' inbid u kien hu li ġie jbusha, iżda ma tiftakarx jekk kien iktar minn darba u dan għaliex hija ma tixrobx u ġeneralment ma tixrobx iktar minn nofs tazza inbid.

**L-imputat Tyson Grech**, ma xehedx f'dawn il-proceduri iżda rrilaxxa stqarrija waqt li kien qed jigi interrogat mill-Pulizija fit-28 ta' Awwissu 2019[6]. F'din l-istqarrija, huwa cahad li kien sforza lil -omissis- tixrob l-inbid u ma jaqbilx lanqas illi hija raqdet meta daħlet fil-vettura tieghu. Saħaq illi kienet hi stess li riedet li jmorru x'imkien għall-kwiet u meta waqaf bil-karozza ġewwa l-parking area ta' Luxol, bdiet tipprova tmissu « *u bdiet tipprova taghmel certu affarijiet, tmissni u hekk.* ». Qal ukoll li huwa ma riedx jaghmel dawn l-affarijiet fil-karozza u dak il-hin -omissis- issuggeriet li jmorru d-dar tagħha ġewwa Bugibba għaliex ma kien hemm hadd. Kompla jistqarr illi peress li huwa staħa jidhol għandha d-dar, huma qablu li jmorru fir-residenza tieghu ġewwa l-Bormla, fejn dak il-hin kien hemm ommu u hemmhekk -omissis- neżgħet il-ħwejjeġ tagħha, iżda ma jiftakarx fejn neżgħethom[7]. L-imputat qal li huma ghamlu l-att sesswali flimkien tliet darbiet : darba bil-lejl u darbtejn ohra fil-għodu meta qam. Għalkemm ma ċaħadx li huwa ppenetraha sesswalment, l-imputat insista li dan kull darba seħħ bil-konoxxenza u kunsens pjen ta' -omissis- u

[6] Traskrizzjoni tal-istqarrija awdjo-vizwali: Dok. MM1, fol. 154 *et seq*.
[7] *"… jien naf, fuq il-pultruna, ma niftakarx.* » - fol. 179.

ma kienx hemm darba li hija qaltlu li ma riditx ikollha dak ir-rapport sesswali. Insista li hija kienet taf x'qieghda taghmel « *kieku ma kinitx tghidli biex nibqa' ghaddej ghax qieghda bil-pill hux … tiġi wahedha li kienet taf* ». Qal ukoll li l-ewwel darba, hija kienet qaltlu « *jekk trid tista' tibqa' ghaddej … ghax jien niehu l-pill* » filwaqt li meta qamu filgħodu u regghu bdew jitbewsu, hija qaltlu biex ma jibqax ghaddej għaliex il-pill teħodha filgħodu « *u ma jmurx ma tahdimx* »[8]. Fuq mistoqsija, l-imputat qal li ma jidhirlux li huwa uza xi lubrikant għall-fini tal-penetrazzjoni għaliex -omissis- kienet fi stat imxarrba b'mod naturali. Sussegwentement, meta rega' gie mistoqsi, wieġeb li jista' jkun li uża bżiequ bħala lubrikant imma safejn seta' jiftakar, ma jidhirlux li kien hemm għalfejn.

Mistoqsi biex ifisser min beda jagħmel il-kuntatt sesswali f'kull wieħed mit-tliet rapporti sesswali li kellu ma' -omissis- dakinhar, l-imputat spjega illi bl-agir tagħha, hija indikatlu li kienet qed taghti l-kunsens tagħha għall-att sesswali. Fl-ewwel kuntatt, qal li dan sar fuq inizzjattiva tagħha għaliex qabdet tbusu mal-ewwel kif dahlu u l-istess it-tieni kuntatt, filwaqt li fit-tielet darba, kien hu li biesha l-ewwel iżda hija kompliet miegħu.

Dwar ommu, l-imputat stqarr li għalkemm hija kienet rieqda meta waslu d-dar, ma jidhirlux li daħal xi ħadd fuqhom jew ħabbat xi ħadd fuq il-bieb meta kienu qegħdin jaghmlu l-att sesswali fil-kamra tas-sodda tiegħu, għalkemm il-bieb tiegħu ma jissakkarx. Qal ukoll li ommu ma tantx torqod u ma jafx jekk gietx tiċċekkja fuqu meta kienu reqdin u ma jafx lanqas jekk f'xi hin -omissis- ħarġitx mill-kamra tieghu jew marritx it-toilet, sakemm ma marritx waqt li huwa kien rieqed. Mistoqsi mbagħad jekk kienx kellem lil ommu jew kienx hemm xi kuntatt magħha fil-għodu meta huwa gie biex iwassal lil -omissis- lura d-dar, huwa wieġeb : « *Ma nahsbix ghax hi dejjem bil-bieb jew kollu mbexxaq jew maghluq* »[9].

---

[8] Fol. 168.
[9] Fol. 200.

Dwar l-inbid li xorbot -omissis- , l-imputat stqarr li miż-żewġ fliexken li xtraw meta kienu r-restaurant, hija xorbot biss żewġ tazzi jew tazza waħda biss u ma sfurzahiex biex tixrob. Qal ukoll illi peress li l-għada jkun xoghol, mhux ha jixrob hafna : « *fil-għodu qieghed xoghol fis-sebgha (07 :00) nibda xoghol normali t-tmienja (08 :00)*»[10]. Iktar 'il quddiem, stqarr li kienet -omissis- li riedet li jgibu flixkun inbid ieħor[11]. Meta ġie konfrontat bil-fatt li -omissis- kienet qaltlu li m'hijiex persuna li tixrob u kull ma riedet tazza wahda tal-inbid, l-imputat ma ftakarx iżda caħad li huwa għamlilha xi pressjoni biex tixrob. Mistoqsi jekk -omissis- kienetx qed taġixxi normali wara li xorbot l-inbid, wiegeb « *Ifhem mhux normali, mhux m'ghamilx effett, nahseb nehhielha l-misthija ... jew ghax dratni, ma nafx jekk hux habba l-inbid*». Imbagħad, meta l-imputat gie mistoqsi jekk l-inbid għamlilha d-deni jew jekk intiflitx minn sensiha, qal « *ma jidhirlix* » u « *ma kienetx hazina* »[12].

L-imputat saħaq illi meta kien qed iwassalha d-dar Bugibba, huma tkellmu « *ftit zghira ... qishu, just li gara qishu xejn, normali hux* »[13] u hija qaltlu li tixtieq terga' tiltaqa'. Stqarr ukoll li iktar tard huwa bagħtilha żewġ messaġġi « *biex nara jekk mhux all right ghax dan tinkwieta xi hadd ma jibghatlekx, just biex nara jekk mhux hi all right* »[14]. Stqarr li huwa staqsiha fil-messagg li baghtilha, jekk ghadhiex hajja, iżda dan qalielha b'mod cajtier.

Ikkonfrontat bl-allegazzjoni ta' -omissis- li huwa sforza ruhu fuqha u kellu x'jaqsam maghha sesswalment kontra r-rieda tagħha, huwa cahad dan u qal illi kieku dan kien minnu, l-ewwel ħaġa li kienet tagħmel tgħolli leħinha biex xi hadd jinduna li qed jiġri xi ħaġa ħażina iżda dan hija m'ghamlitux u f'kull każ, it-twieqi tal-kamra tiegħu kienu kollha miftuħin u kien hemm ommu d-dar. Qal ukoll li kieku dan huwa minnu, kieku -omissis- ma kienetx titla' fil-karozza miegħu biex iwassalha lura d-dar iżda kienet titlaq tiġri.

[10] Fol. 173.
[11] Fol. 174.
[12] Fol. 197.
[13] Fol. 169.
[14] Fol. 170.

Ikkunsidrat ;

Biex l-imputat jirnexxilu jillibera ruhu mill-akkuza ta' stupru u r-reati l-ohrajn addebitati lilu, irid jirriżulta sodisfacjentement lill-Qorti li l-akkuzi ma gewx ippruvati fil-grad li tesigi l-ligi, jew inkella li l-azzjoni penali dwar dawn iz-żewġ reati giet estinta bir-rinunzja tal-kwerela. F'każ li jintwera li kien hemm rinunzja għall-kwerela, l-imputat irid juri wkoll illi din ir-rinunzja tkun bizzejjed biex twaqqaf il-proceduri kriminali u li l-azzjoni kriminali m'hijiex prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija.

Fit-trattazzjoni finali, id-difiza sottomettiet illi l-azzjoni kriminali ma setghet qatt tiġi prosegwita mill-Pulizija għaliex mill-provi jirriżulta illi -omissis- , l-allegat vittma tar-reati addebitati lill-imputat fl-ewwel tliet akkużi fiċ-Ċitazzjoni u fin-nota tar-rinviju għall-gudizzju tal-Avukat Generali, rinunzjat għall-kwerela meta ddikjarat lill-uffiċjali tal-Pulizija li marru jieħdu l-verżjoni tagħha ġewwa l-Isptar fl-14 ta' Awwissu 2019, illi hija ma tridx tieħu passi dwar il-każ ta' allegat stupru. Id-difiza sostniet ukoll illi galadarba l-allegat vittma kienet diġa` ħadet u komunikat lill-Pulizija id-deċiżjoni tagħha li ma jittiħdux passi kontra l-allegat aggressur, din id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi impediment legali li jipprekludi li jsir sussegwentement, rapport iehor jew talba sabiex il-Pulizija tmexxi b'azzjoni kriminali b'rabta mal-istess reati.

Madanakollu, il-Qorti tosserva minnufih illi skont kif jiddisponi espressament l-Artikolu 543 tal-Kap. 9, il-Pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-Artikolu 198 ta' dan il-Kodiċi : Artikolu tal-ligi li gie indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tar-rinviju għall-gudizzju bhala wiehed li jagħmel referenza għal reat li l-imputat jista' jinstab ħati tieghu f'dawn il-proceduri. Effettivament, il-ħtieġa tal-kwerela hija indikata espressament mil-legislatur kwantu għad-delitti sesswali msemmija fis-Sub Titolu II tat-Titolu VII tat-Tieni Taqsima tal-

Kap. 9[15], biss in kwantu ghar-reat taħt l-Artikolu 203 iżda żgur mhux ghar-reat ta' stupru taħt id-diversi dispożizzjonijiet tal-Artikolu 198 tal-Kap. 9. Dan ifisser illi l-azzjoni kriminali għar-reat taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9 huma prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija **irrispettivament mill-kwerela tal-parti offiza kif ukoll indipendentement mill-fatt illi l-parti offiza tkun irtirat kwalsiasi rapport jew kwerela li jkun diga` sar lill-Pulizija fir-rigward.** Kemm hu hekk, l-Artikolu 543 jistipola espressament illi l-Pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata fil-każ ta' stupru kif imfisser fl-Artikolu 198 tal-Kodiċi, u jipprovdi wkoll illi **l-proċeduri dwar dan ir-reat jistgħu jitwaqqfu biss wara li dawn ikunu nbdew fil-Qorti u dan meta l-allegat vittma tar-reat taghmel talba għat-twaqqif tal-proċediment kif imfisser fil-proviso tal-istess Artikolu 543(f) tal-Kodiċi**. Dan ifisser, necessarjament, illi galadarba t-twettiq tar-reat ikun gie rapportat jew ikun gie a konjizzjoni tal-Pulizija permezz ta' wiehed mill-mezzi prospettati fl-Artikolu 540 tal-Kodici, id-decizjoni dwar it-tehid u tmexxija tal-azzjoni kriminali ma baqghetx iktar fid-diskrezzjoni tal-kwerelant jew l-allegat vittma għaliex ikun issarrfet f'obbligu inkombenti fuq il-Pulizija li jkunu rċevew id-denunzja jew il-kwerela.

Għaldaqstant, jirriżulta illi s-sottomissjoni tad-difiza dwar l-irtirar tar-rapport li sar minn -omissis- lill-Pulizija u l-effetti ta' din l-allegat rinunzja fuq il-proċediment odjern, m'hijiex tajba u ma treġġix.

Madanakollu, fl-istess waqt, anke minkejja l-fatt illi kif rajna, l-azzjoni kriminali dwar dan ir-reat m'hijiex dipendenti fuq il-kwerela tal-parti offiża, il-Qorti hija tal-fehma illi anke kieku r-reat taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9, kellu jitqies li huwa wieħed minn dawk li jeħtieġu l-kwerela tal-parti offiża biex l-azzjoni kriminali tkun prosegwibbli, fil-każ in diżamina ma jirriżulta bl-ebda mod li sar rapport li gie sussegwentement irtirat mill-allegat vittma.

[15] L-Ewwel Ktieb.

L-Artikolu 538 tal-Kap. 9 jipprovdi illi kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mhux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra. Bl-applikażzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 536 tal-istess Kap. 9, il-kwerelant għandu jfisser ċar **il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi**. Imbaghad, skont l-Artikolu 545(1) tal-Kap. 9, meta l-azzjoni tkun wahda li ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull żmien sa ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġa għamel.

Il-Professur Mamo, fin-Noti tieghu ifisser hekk il-kwerela (*complaint*)[16] :-

"*In the complaint we have the representation to the Police of a personal damage or injury suffered by the offence, moved by the desire of obtaining satisfaction therefor through the instrumentality of the court of criminal justice.*

*… … …*

*If a complaint made is validly withdrawn, no fresh complaint may be made in respect of the same fact to which the previous complaint referred. The withdrawal of the complaint and the consequent abandonment of the proceedings, or the abandonment of the proceedings which can be considered as a form of tacit waiver of the complaint, operates as an extinguishment of the criminal action. "L'abbandono o la cessione degli atti non arresta il solo procedimento ma perime l-'azione.* »[17]

Fil-każ in diżamina minn imkien ma jirriżulta lill-Qorti li l-allegat vittma rtirat xi kwerela li setghet ghamlet lill-Pulizija, iżda jirriżultalha li l-vittma kienet ghadha lanqas ghamlet kwerela għaliex lanqas kien ghad kellha l-hsieb li tmexxi b'azzjoni kriminali kontra l-allegat agent tal-istupru. Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi meta l-allegat vittma daħlet l-Isptar fil-15 ta' Awwissu 2019, ommha ħadet l-inizjattiva li

[16] Notes on Criminal Procedure, p. 15, 16.
[17] Notes on Criminal Procedure, p. 24.

tibgħat għall-Pulizija sabiex bintha tagħtihom il-verżjoni tagħha dwar l-allegat stupru. Dwar dan xehdet WPS 210 Tanya Mangion li ippreċiżat illi dak il-ħin, meta hija marret tkellimha l-Isptar fl-14 ta' Awwissu 2019, l-allegat vittma qaltilha « *dak il-hin ma riditx tiehu passi ... Imma ma qghadtx nghidilha li l-ghada jekk xtaqet tiehu passi ma setghetx. Ma tarax!* »[18] Jirriżulta wkoll illi f'dan l-istadju, l-allegat vittma la tat lill-Pulizija l-verżjoni sħiħa tal-fatt li seħħew u lanqas tathom l-isem tal-allegat aggressur, awtur tal-istupru.

Imbaghad, WPS 41 Elaine Mangion xehdet illi hija kellha struzzjonijiet sabiex tmur ġewwa l-Isptar Mater Dei għaliex -omissis- "*xtaqet taghmel ir-rapport ufficjali tagħha"*[19] u fit-18 ta' Awwissu 2019 hija kienet tatha l-verżjoni tagħha f'iktar dettall milli kienet tat qabel lil WPS 210 Tanya Mangion. Infatti, -omissis- fix-xhieda tagħha, xehdet hekk :- « *Meta ddecidejt niehu l-pass, ghidtilhom* [lill-Pulizija]"

Minn dan kollu, il-Qorti tqis li f'dan il-każ, ma tirravvizax sitwazzjoni fejn l-allegat vittma ghamlet kwerela lill-Pulizija u sussegwentement irtirat il-kwerela. Għall-kuntrarju, il-provi juru li kienet omm l-allegat vittma li, waqt li kienet flimkien ma' bintha fl-Isptar, fittxet l-assistenza tal-Pulizija biex bintha tirrakkontalhom il-fatti dwar l-allegat stupru, f'liema stadju l-allegat vittma minnufih iddikjarat li la riedet tikxef isem l-awtur tal-allegat stupru u lanqas riedet tiehu ebda forma ta' azzjoni kontrih. **Sa dak l-istadju, fin-nuqqas ta' ebda taghrif dwar l-awtur tal-allegat reat u dwar il-fatti kostittutivi tal-allegat stupru, il-Qorti qajla tista' tirravviza l-ezistenza ta' kwerela formali u skont il-ligi**. Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet mhux biss li ma kien ghadu ma sar l-ebda kwerela bil-htiġiet meħtieġa mil-ligi – u suxxettibbli għal rinunzja eventwali - iżda wkoll li **r-rapprezentazzjoni lill-Pulizija tal-hsara sofferta u tax-xewqa li jigu aditi l-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali biex jinkiseb sodisfazzjon kontra t-twettiq tar-reat, ġiet fis-seħħ biss meta l-allegat vittma ddecidiet li tipprocedi biex taghti t-tagħrif kollu relevanti lill-Pulizija biex huma jistghu jipprocedu kontra l-allegat awtur tal-istupru** u dan meta tat il-

[18] Xhieda tal-14.10.2019, fol. 132.
[19] Xhieda tal-14.10.2019.

verżjoni tagħha fit-18 ta' Awwissu 2019 lil WPS 41 Elaine Mangion. Kemm hu hekk, jirriżulta illi l-Pulizija kienu fl-impossibilita` li jipprocedu bl-azzjoni kriminali abbazi tat-taghrif minimu li ngħataw fl-ewwel okkażjoni meta omm l-allegat vittma baghtet għall-Pulizija biex bintha tista' tkellimhom dwar il-kommissjoni tal-allegat reat.

**Il-Qorti tqis illi sabiex wiehed jista' jitkellem dwar kwerela u dwar ir-rinunzja tagħha, din għandha qabel xejn issir fil-forma preskritta mil-ligi u li permezz tagħha, il-Pulizija jinghataw l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex jagixxu kontra l-allegat awtur tar-reat u wkoll li tawtorizzahom li hekk jagixxu billi, skont kif del resto inhuma fid-dmir li jaghmlu skont l-Artikolu 540 tal-Kodici, jikkomunikaw minghajr dewmien lill-Qorti tal-Magistrati l-kwerela biex jinbdew proceduri biex jircievu mingħandha d-direttivi mehtiega dwar dawn il-proceduri**. Il-Qorti tosserva illi fic-cirkostanzi tal-każ in diżamina, fl-ebda stadju qabel effettivament l-allegat vittma ddeċidiet li tirrapporta t-tagħrif **kollu** dwar l-allegat stupru għall-fini li jittieħdu proċeduri kriminali dwar ir-reat, ma kienu l-Pulizija muniti b'awtorita` jew taħt l-obbligu li jipproċedu bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni kriminali jew biex arrestaw lill-allegat awtur tal-istupru.

Inoltre, wara r-rapport li sar fit-18 ta' Awwissu 2019, ma jirriżultax illi dan gie rtirat jew kien hemm rinzunzja għall-kwerela jew saret talba mill-parti offiza taħt il-proviso tal-Artikolu 543(f) tal-Kap. 9 għat-twaqqif tal-proċeduri kontra l-imputat.

Ghaldaqstant, peress li l-azzjoni penali f'dan il-każ ma jehtiegx il-kwerela għaliex ir-reati taħt l-Artikolu 198 tal-Kodici huma prosegwibbli *ex officio* u f'kull każ ma jirriżultax li saret rinunzja ghal xi kwerela, din l-azzjoni ma tistax titqies li giet estinta u l-Qorti għandha tgħaddi sabiex tistħarreġ il-provi processwali biex tistabbilixxi jekk il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-htija tieghu ghar-reati li qed jigi akkuzat bihom, sal-grad taċ-ċertezza morali li huwa l-grad mehtieg ghas-sejbien ta' htija ghal reati kriminali.

Ikkunsidrat ;

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament kuntrastanti dwar dak li seħħ wara li l-imputat telaq flimkien ma' -omissis- mill-istabbiliment ġewwa Tigne. Filwaqt, kif rajna, il-verżjoni tal-Prosekuzzjoni hi li -omissis- giet stuprata mill-imputat ġewwa residenza l-Bormla waqt li hija kienet mitlufa minn sensiha u ghal darb'ohra meta qamet, min-naħa tiegħu l-imputat Tyson Grech jishaq illi -omissis- fl-ebda hin ma kienet mitlufa minn sensiha u għalkemm huwa minnu li kien hemm kuntatt sesswali bejniethom, l-att sesswali sar tliet darbiet bil-konsapevolezza u kunsens pjen tagħha u fl-ebda hin ma sfurzaha tixrob jew li jkollha x'taqsam mieghu sesswalment.

Il-Qorti tibda biex tosserva li m'humiex infrekwenti dawk il-proceduri fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, kjarament jeżisti mhux biss kunflitt nett dwar wiehed mill-aktar punti krucjali f'każ ta' stupru; imma l-Qorti hija rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn għandha il-kelma ta' persuna wahda kontra l-kelma ta' persuna oħra, l-imputat. F'dan ir-rigward huwa ben stabbilit li l-kunflitt fil-provi mhux neċessarjament għandu jwassal għal liberatorja imma l-Qorti tista' tagħżel li tagħti kredibbilita' lil verżjoni waħda u tiskarta l-ohra: naturalment wara li tkun ħadet konsiderazzjoni mhux biss il-mod kif xehdu l-persuni konċernati imma anke l-assjem tal-provi kollha inkluż dawk ċirkostanzjali. Kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[20], mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal għall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**[21], intqal ukoll hekk in propositu:-

[20] Deciza 9.7.2003.
[21] Deciza 19.5.1997.

*"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Imbagħad, għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta` minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni oħrajn imsemmija mill-Artikolu 633 u mill-Artikolu 636 tal-istess Kodiċi, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristici oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jitqies bħala ppruvat skont il-liġi u dan mingħajr bżonn ta' xi korroborazzjoni da parti ta' xhieda oħra. Dan il-prinċipju ġie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Għandu jingħad ukoll illi l-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi instawrata f'moħħ il-gudikant, iċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex huwa rari li jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li

dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiza fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova huwa effettivament l-ogħla *threshold* ta' prova li l-liġi teħtieġ fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali.

Sabiex tara jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-każ partikolari l-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-principji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.* »[22]

Kif rajna, il-fatt li l-imputat jiċħad l-allegazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni u jkun hemm, għalhekk, konflitt fil-provi, ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ghandu jigi liberat għaliex kif rajna, il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha biex twieżen il-provi u tevalwa l-kredibbilita` tax-xhieda u tista' għalhekk temmen il-verżjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u tiskarta dik tal-imputat.

Ikkunsidrat;

[22] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Il-Qorti ma għandhiex f'dan il-każ il-konfort ta' xi prova diretta li tissostanzja verżjoni waħda kontra l-oħra, liema prova kienet tkun ferm utili biex tirriżolvi l-ekwivoci u biex tafferma jew inaqqas mill-kredibbilita` ta' waħda jew l-ohra mill-verżjonijiet kuntrastanti tal-partijiet.

Iżda b'dawn l-prinċipji f'moħħha u applikat l-insenjament in materja tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda u tal-prova meħtieġa fil-kamp kriminali, appena enuncjati, anke wara li kellha l-opportunita li tara u tisma' lil -omissis- tagħti d-depożizzjoni tagħha, u tenut kont tal-assjem tal-provi, il-Qorti temmen li għandha tagħti affidabbilita` lill-verżjoni tal-istess -omissis- għaliex hija persważa li din il-verżjoni hija veritjera. Wara kollox, il-Qorti semgħet lix-xhud tixhed quddiemha u rat il-komportament ta' -omissis- waqt id-depożizzjoni u **ma tistax ma tirrimarkax illi hija osservat il-ġenwinita` tagħha meta minkejja li għafsitha diversi drabi għal spjegazzjonijiet, hija kienet dejjem konsistenti u stqarret bla tlaqliq u b'mod dettaljat dak kollu li seħħ meta kienet għadha f'sensiha. Osservat ukoll il-konsistenza assoluta tal-verżjoni tagħha illi hija raqdet hekk kif rikbet fil-vettura tal-imputat u ma tiftakar assolutament xejn minn dak li ġara sakemm qamet u ma kellhiex l-iċken idea fejn kienet u x'kien ġara matul il-lejl, iżda ftakret sewwa dak li ġara meta qamet filgħodu**.

Dan kollu l-Qorti evalwatu wkoll fl-isfond tat-tweġibiet tal-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu fejn, hemmhekk suspettat, issupplixxa tagħrif dettaljat biss kwantu għall-perijodu ta' ħin meta skont -omissis- , hija kienet raqdet u ma tiftakar assolutament xejn dwar x'ġara, u għall-bqija, huwa kien ferm vag u inkonsistenti u tispikka b'mod evidenti r-retiċenza tiegħu biex iwieġeb b'mod inekwivoku u b'mod konsistenti għal domandi relevanti, fosthom dwar kemm, miż-żewg fliexken inbid li xtara fir-restaurant, xorbot tazzi tal-inbid -omissis- , il-presenza ta' ommu fid-dar, il-lok fejn instabu l-ħwejjeġ ta' -omissis- , ir-raġuni għaliex sussegwentement kien bagħtilha żewġ messaġġi[23], fost oħrajn. Fir-rigward għalhekk, il-Qorti tqis li l-

[23] "*Ghadek hajja*?" u "*Int ekk*?" Ghall-Qorti, il-fatt illi l-parti offiza baqghet ma riditx twiegbu tkompli tafferma l-kredibbilita` tax-xhieda taghha.

verżjoni tiegħu hija nieqsa minn dik il-konsistenza u ġenwinita` li kkaratterizzat ix-xhieda ta' -omissis- .

Id-difiża, iżda, tikkontendi li dan m'huwiex każ ġenwin u tissottolineja diversi istanzi li fil-fehma tagħha, iqiegħdu f'dubju l-verżjoni ta' -omissis- li hija ġiet stuprata mill-imputat. Tagħmel referenza għal diskrepanzi fil-verżjonijiet li tat -omissis- f'okkażjonijiet separati, fosthom id-dettall dwar jekk -omissis- qamitx għarwiena jew bil-brassiere u panty. Huwa minnu wkoll, kif aċċennat id-difiża, li f'okkażjoni minnhom hija irrappurtat li l-imputat mar għaliha d-dar u f'okkażjoni ohra qalet li mar għaliha fil-pjazza ta' Buġibba iżda fl-istess waqt, huwa stabbilit li -omissis- toqghod Bugibba u f'kull każ il-Qorti tqis illi diverġenzi bħal dawn, fosthom jekk l-imputat kienx neħħilha l-qalziet ta' taħt jew ressaqulha sabiex jippenetraha, huma dettalli periferali li ma jinċidux fuq is-sostanza tal-verżjoni.

L-istess jgħodd kwantu għar-referenza li saret mid-difiza waqt it-trattazzjoni għall-ekwivoċi fix-xhieda ta' -omissis- rigward il-pjanijiet li allegatament kellha dakinhar biex tmur torqod għand kuġintiha wara l-ħarġa tagħha mal-imputat. Id-difiża tikkontendi illi kuntrarjament għal dak li xehdet -omissis- , mill-provi ma jirriżultax illi hija kienet effettivament għarrfet lil kuġintha bil-ħsieb li terġa' tmur torqod għandha u din id-diskrepanza għandha timmilita kontra l-kredibbilita' tal-verżjoni tagħha. Il-Qorti rat il-provi fir-rigward u x-xhieda ta' Desiree Cassar li qalet illi dak il-lejl kuġintha ma kienetx bagħtitilha messaġġ jew ċemplitilha biex tgħarrafha li kienet sejra torqod għandha u ma kienux miftiehmin li tmur torqod għandha fl-14 ta' Awwissu 2019. Iżda l-Qorti tosserva illi t-tnejn jaqblu li -omissis- kienet għamlet it-tliet ijiem ta' qabel torqod għand kuġintha u f'kull każ, -omissis- ta' spiss kienet tmur għall-għarrieda u torqod id-dar ta' kuġintha u kienet tkun haġa normali kieku hija tfaċċat għandha d-dar dakinhar fil-għaxija[24]. Huma jaqblu wkoll li ma reġgħux

[24] Il-Qorti fliet l-atti u tosserva illi jirrizulta illi l-mobile ta' -omissis- kien minghajr batterija wara li l-imputat wassalha d-dar filghodu: dan jirrizulta mix-xhieda taghha (fol. 45) kif ukoll mill-messaggi li skambjaw bejniethom fejn jirrizulta li siegħa qabel iltaqgħet mal-imputat, hija qaltlu li ma kellhiex charge fil-battery tal-mobile (ara rapport ta' Keith Cutajar, fol. 67 tal-*proces-verbal*).

tkellmu wara li -omissis- kienet telqet mid-dar tagħha iktar kmieni fl-14 ta' Awwissu 2019, sakemm kuġintha marret taraha l-Isptar ftit ġranet wara. Jaqblu wkoll li -omissis- ma kienetx qaltliha, lanqas meta ltaqgħu fl-Isptar, x'kien ġara ma' Tyson Grech, ħlief wara li hija xehdet quddiem il-Qorti fid-9 ta' Settembru 2019.

Id-difiza tikkontendi wkoll li huwa suspettabbli kif -omissis- naqset milli ssemmi spontanjament waqt li kienet qed tixhed quddiem il-Qorti, ċerti irqaqat fosthom il-fatt li minkejja li qalet li ma kienetx qed tħossha komda mal-imputat, hija marret tpoġġi ħdejh waqt li kienu għadhom qed jixorbu fir-restaurant u li kienu tbewsu hemmhekk, u naqset inizzjalment milli tirrapporta lill-Pulizija l-allegat stupru li seħħ fil-għodu wara li qamet u sabet ruhha f'post mhux familjari.

Il-Qorti fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Huwa minnu li fil-verżjoni li hija tat lill-Pulizija fis-16 ta' Awwissu 2019 meta ġiet mitkellma fl-Isptar fil-presenza ta' ommha, -omissis- ma semmiet xejn dwar l-att sesswali li seħħ fil-għodu kontra r-rieda tagħha, iżda l-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta` tifhem illi dan in-nuqqas kien frott ta' riluttanza minħabba li hija kienet qed tħossha skomda minħabba l-presenza ta' ommha u jirriżulta wkoll li f'dak l-istadju hija ma kienetx konvinta li riedet effettivament tirrapporta l-każ lill-Pulizija biex jittiehdu proceduri kriminali għaliex kienet qed tibża'. **Fil-fatt, tant ma xtaqitx f'dak l-istadju tirrapporta l-allegat stupru illi minflok ma rikorriet ghand il-Pulizija, -omissis- marret l-Isptar għall-kura (u qabel, il-Polyclinic) minhabba l-uġigħ li ħasset f'ġenbha u l-parti privata tagħha, minħabba li bdiet tara d-demm meta waslet id-dar u għaliex beżgħet li setgħet toħroġ tqila, u kien biss meta intervjeniet ommha u insistiet li tibgħat għall-Pulizija, li -omissis- irrakkontat parti zgħira minn dak li ġara iktar kmieni. Kemm hu hekk, hija xehdet illi "*Li naf zgur m'ghidtx lil ħaddiehor, ma bdejtx inħossni komda nghid dwar li jiena kien dawwarni f'genb ... certu affarijiet ma bdjetx inhossni komda nitkellem quddiem haddiehor ... tkun difficli ghalik titkellem*"**[25].

[25] Fol. 75.

Hija xehdet ukoll:-

*"... anke għall-ewwel meta gew il-Pulizija ma bdejtx inhossni komda nghidilhom certu sitwazzjoni*".[26]

Blackstone, in propositu, jgħid hekk:-

"*The fact that the trauma of rape can cause feelings of shame and guilt which might inhibit a woman from making a complaint is sufficiently well known to justify a comment to that effect. The Court approved an example in general terms of an appropriate direction in such circumstances which covers the following points: (i) experience shows that people react differently to the trauma of a serious sexual assault, that there is no one classic response; (ii) some may complain immediately* ***whilst others feel shame and shock and not complain for some time; and (iii) a late complaint does not necessarily mean it is a false complaint****."* (emfasi tal-Qorti)

**Illi fil-każ in diżamina, il-mod kif il-każ gie żvelat b'mod riluttanti għall-aħħar minn -omissis- hu, fil-fehma tal-Qorti tassew indikattiv ta' każ ġenwin fejn tfajla żagħżugħa, għalkemm tħoss li għandha tgħid dak li jkun ġara, iżda fl-istess ħin tistħi jew tibża' taghmel dan u thoss imbarazz kbir biex tizvelah lill-Pulizija u lil ommha[27] kif ukoll lil terzi persuni inkluż lil kuġintha minkejja li huma qrib ħafna ta' xulxin[28]. Tant hu hekk li hija ħasset li setghet taghmel dan biss wara li l-Pulizija talbuha iktar minn darba biex tirrapporta dak kollu li kien ġara, wara li kellmuha xi ħaddiema mill-Agenzija Appogg u wara li ommha qaltilha li din il-ġrajja setgħet tispiċċa taffettwaha u li setgħet tħossha mdejqa fil-futur u b'hekk,**

---

[26] Fol. 76.

[27] *"Imbaghad x'hin regghu gew il-Pulizija, bdejt niddejjaq, bdejt nibza' nghidilhom, jigifieri bdew isaqsuni x'gara, min .... u hekk, u ghall-ewwel ma ghidtilhomx... kienu gew darbtejn u ma ghidtilhomx..."* – fol. 50/51.

[28] Dan qed jinghad ghaliex id-difiza, waqt it-trattazzjoni, ippuntwalizzat li mhuwiex verosimili li l-vittma ma rakkontat xejn lil hadd dwar dan l-episodju, lanqas lil kugintha li kienet qrib hafna taghha.

**ipperswadietha li tgħid dak li kienet għaddiet minnu[29]. Fuq kollox, il-Qorti tifhem ukoll illi l-esperjenza ta' stupru faċilment tqanqal fil-vittma sentiment ta' trawma u umiljazzjoni kapaci li jincidi fuq il-memorja tal-episodju, *multo magis* il-memorja ta' irqaqat li m'humiex daqshekk relevanti.**

**F'kull każ, il-Qorti tqis li l-provi ma għandhomx jiġu analizzati b'mod spezzattat u individwali, iżda flimkien u fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'interpretazzjoni raġjonevoli u legali wieħed jista' jagħti lil dawk il-provi u fil-każ in diżamina, u fil-każ in diżamina, wara li evalwat il-verżjoni ta' -omissis- b'mod sħiħ, kif ukoll wara li qieset li din il-verżjoni kienet konsistenti ma' dak li f'okkażjonijiet separati qalet lill-ufficjali tal-pulizija u mbagħad lit-tobba li eżaminawha[30], il-Qorti hija konvinta li din il-verżjoni hija veritjera.**

Kif diġa' inghad, il-Qorti kellha okkażjoni li tisma' lil -omissis- tixhed quddiemha f'depożizzjoni li damet għaddejja xejn inqas minn sagħtejn u osservat illi għalkemm huwa minnu li ċertu dettalji żghar ma ftakrihomx – dettalli li l-Qorti ma tqisx li huma determinanti - ix-xhud kienet ferm konsistenti u preċiża f'dak kollu li rrakkontat għal dak li għandu x'jaqsam mal-allegat stupru. Osservat ukoll li r-risposti tagħha anke meta l-Qorti stess għafsitha biex tispjega għaliex ma tiftakarx dettalli li seħħew waqt li kienet qiegħda tixrob l-inbid ġewwa r-restaurant flimkien mal-imputat, ingħataw b'sens ta' ġenwinita` u fir-rigward il-Qorti żammet quddiem għajnejha l-fatt illi x-xhud insistiet b'mod konsistenti matul il-verżjonijiet kollha li hija rrapportat dwar dan l-episodju, illi hija kienet bdiet tħossha ħażin wara l-ewwel tazza tal-inbid li xorbot u minkejja dan, kif ukoll minkejja l-fatt li ġeneralment hija ma tixrobx iktar minn nofs tazza inbid, spiċċat tixrob talanqas tazza oħra tal-inbid jew mhux tnejn oħra[31].

---

[29] Ara xhieda -omissis- Azzopardi, fol. 50 u fol. 96.

[30] Ara wkoll xhieda ta' -omissis- moghtija quddiem Dr. Mario Scerri fit-18 ta' Awwissu 2019 – fol. 72 et seq. tal-*proces-verbal* 40/19.

[31] Fil-fatt hija xehdet hekk:- "*Għax jien ma nixrobx, Ovvjament il-maġġoranza jekk niehu inbid lanqas niehu tazza shiha, niehu nofsha u daqshekk*". Dan huwa affermat ulterjorment min-notamenti tat-Tabib Dr. Nicholas Felice, formanti parti mill-atti tal-*proces-verbal* 40/19, fejn hija rapportat li xorbot tliet tazzi tal-inbid – fol. 7 tal-*proces-verbal*. Il-Qorti tosserva wkoll illi matul il-ħin kollu meta kienu qeghdin jixorbu l-inbid, -omissis- ma kielet xejn.

Il-Qorti osservat ukoll il-konsistenza mhux biss fil-verżjoni ta' -omissis- waqt ix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, iżda wkoll bejn din l-istess verżjoni u dik li rrakkontat lill-Pulizija fit-18 ta' Awwissu 2019 meta ddecidiet li tmexxi b'rapport formali dwar l-istupru. **Effettivament, din il-konsistenza hija riskontrabbli fir-rigward tal-punti saljenti kollha tal-każ: il-verżjoni dwar l-ammont ta' inbid li xorbot; il-fatt li raqdet ħesrem hekk kif rikbet fil-vettura tal-imputat u ma tiftakar xejn iktar sakemm qamet l-għada fil-għodu u ħadet qatgħa għaliex assolutament ma kienetx taf fejn kienet qiegħda; il-fatt li qamet bla ħwejjeġ u ma setgħetx issibhom mill-ewwel, filwaqt li sabet lill-imputat – persuna li ltaqgħet mieghu wiċċ'imb wiċċ biss ftit sigħat qabel - kien ħdejha fuq is-sodda bil-boxer shorts; il-fatt illi ħasset uġigħ fil-parti intimu tagħha; li hija ħassitha skomda u rifjutat li jkollha x'taqsam sesswalment mal-imputat iżda minkejja dan huwa xorta wahda spiċċa ippenetraha għaliex kienet qed tibza' minnu[32]; il-fatt li kienet ilha ma tiehu l-*pill* ghal madwar xahar u l-imputat staqsiha waqt l-att sesswali jekk tiehux il-*pill* iżda għalkemm wiegbet fin-negattiv huwa xorta wahda baqa' għaddej sal-aħħar u eġakula ġo fiha; il-fatt li hija rrejalizzat li kienet ġewwa appartament il-Bormla biss meta l-imputat kien qed iwassalha d-dar u għaddew bil-vettura mill-pjazza tal-Bormla; il-fatt li hija talbet lill-imputat biex iwassalha d-dar u ma tkellmux fil-vettura. Dan kollu hu, fil-fehma tal-Qorti, għal kollox kredibbli u persważiv għall-aħħar.**

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq*

[32] « *Jien bdejt nibza' nsaqsieh as such x'gara, kif spiccajt … ifhem jien meta qomt hadt qatgha, tipo ma kontx naf fejn qeghda u hekk.* »

*dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[33]

Fil-każ odjern, il-Qorti temmen li l-verżjoni ta' -omissis- hija l-verżjoni korretta u taccetta dik il-verżjoni bhala tajba u veritjera.

Ikkunsidrat;

Stabbilita l-konvinzjoni tagħha li l-verżjoni ta' -omissis- hija l-verżjoni korretta u veritiera li l-Qorti serja timxi fuqha, sejra tghaddi issa biex tistħarreġ jekk f'dan il-każ ġewx ippruvati l-elementi tar-reat ta' stupru li l-imputat gie akkuzat li kkommetta fuq il-persuna ta' -omissis- . L-Artikolu 198 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jikkommetti stupru: kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra.

Illi essenzjalment ir-reat ta' stupru jikkonsisti fil-konġungiment karnali ċioe' l-introduzzjoni jew il-penetrazzjoni ta' l-organu ġenitali ta' persuna fl-organu ġenitali ta' persuna ohra. Dan il-konġunġiment m'hemmx għalfejn ikun komplut ghal kollox, għaliex skont il-proviso tal-imsemmi Artikolu 198(1) tal-Kap. 9, huwa biżżejjed li jkun hemm bidu tal-penetrazzjoni. Dan ifisser illi l-istupru jirrikjedi żewġ elementi: l-att sesswali; li jkun maghmul kontra l-volonta tal-vittma, minghajr kunsens.

Illi dwar l-element tan-nuqqas tal-kunsens, dan għandu jigi evalwat u mistħarreġ bl-applikażżjoni tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (3) tal-istess Artikolu 198 tal-Kap. 9 li jipprovdi illi l-atti ta' penetrazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-

[33] Appell Kriminali deciz 9.9.2002.

ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn. Din id-definizzjoni hija maħsuba biex tiffoka fuq il-kunsens liberu u fuq l-awtonomija tas-soġġett passiv tar-reat, li huma ingredjenti essenzjali tal-kunsens li n-nuqqas tiegħu jifforma wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' stupru.

B'żieda ma' dan, l-Artikolu 201 joħloq żewġ presunzjonijiet fir-rigward tal-element tan-nuqqas ta' kunsens, b'waħda minnhom – dik prevista fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 201 - tkun addebitata lill-imputat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Generali. Dan jipprovdi li l-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem li sar mingħajr kunsens meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.

Illi dwar dan l-aggravju b'mod partikolari l-Professur Mamo[34] jgħid hekk:

"*With regard to the incapacity arising from the other causes independent of the act of the offender, this includes the case in which the victim was in a state of insensibility from liquor having been made drunk by the prisoner (even though the liquor was given only for purposes of exciting her) or the case in which the victim was asleep.*"

Illi dwar il-kunsens o meno tal-vittma f'każijiet ta' stupru Blackstone[35] jgħid hekk:

"*Consent covers a range of behaviour from whole-hearted enthusiastic agreement to reluctant acquiescence. There are circumstances where a jury will require assistance with the distinction between reluctant but free exercise of choice, especially in the context of a long-term loving relationship, and unwilling submission due to fear of worse circumstances.*

[34]Notes on Criminal Law Vol II pagna 194 *et seq*.
[35] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed.

*Capacity is an integral part of the definition of consent. A valid consent can only be given by a person who has the capacity to give it. ... Common-law principles that developed under the old law suggest that a complainant will not have had capacity to agree by choice where her understanding and knowledge were so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree (Howard (1965) 50 Cr App R 56). This may arise in a variety of different circumstances; for instance, when a complainant is suffering from some forms of mental disorder, very young or intoxicated by alcohol or drugs*.'

Imbagħad, fis-sezzjoni B3.16[36], ikompli billi jagħti linji-gwida dwar ix-xorta tal-kapaċita` meħtiega biex jiġi sodisfatt l-element tal-kunsens għall-att sesswali:-

*(a) Consumption of alcohol or drugs may cause someone to become disinhibited and behave differently. If she is aware of what is happening, but the consumption of alcohol or drugs has caused her to consent to activity which she would ordinarily refuse, then she has consented no matter how much she may regret it later. A drunken consent is still a consent if a person has the capacity to make the decision whether to agree by choice.*

*(b) However, if a complainant becomes so intoxicated that she no longer has the capacity to agree, there will be no consent. Clearly she will not have the capacity to agree by choice where she was so intoxicated through drink or drugs, and her understanding and knowledge are so limited that she was not in a position to decide whether or not to agree. (This relates to understanding and knowledge of what is going on, as opposed to the quality of the decision-making.)*

*(c) A person may reach such a state without losing consciousness. For instance, she may be in a state where she knows that she does not want to take part in any sexual activity with someone, but she is incapable of saying so. Alternatively,*

[36] p. 299.

*she may have been affected to such a degree, that, whilst having some limited awareness of what is happening, she is incapable of making any decision at all.*

*(d) If a person is asleep or has lost consciousness through drink or drugs, she cannot consent, and that is so even though her body responds to the accused's advances.*

Issa fil-każ in diżamina l-imputat jiċħad illi -omissis- raqdet meta telqu mir-restaurant u jinsisti li hija kienet f'sensiha l-ħin kollu, tant illi jgħid li kienet hi li staqsietu biex imorru x'imkien għall-kwiet, fejn imbagħad huwa saq sal-parking area tal-Luxol. Qal illi sussegwentement, hija qablet li jmorru d-dar tiegħu l-Bormla, fejn hemmhekk hija mxiet mill-vettura sal-appartament fejn jirrisjedi, liema appartament jinsab fl-ewwel sular ta' blokk appartamenti, fejn neżgħet ħwejjiġha fil-kamra tas-sodda tieghu, bdiet tbusu u kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment. Skont l-imputat, meta huma qamu fil-għodu, kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment darbtejn oħra b'inizzjattiva u jew bil-kunsens ta' -omissis- .

Il-Qorti trid tagħmel distinzjoni bejn dak li allegatament ġara f'dak li perijodu ta' ġin li fih -omissis- ma tiftakar xejn u dak li seħħ wara li qamet u sabet ruħha fil-għodu liebsa l-ħwejjeġ ta' taħt, f'sodda ħdejn l-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għal dak li ġara wara li l-imputat u -omissis- telqu mir-restaurant, il-Qorti diga` stabbiliet illi hija temmen il-verżjoni tal-istess -omissis- illi hija raqdet hekk kif rikbet fil-vettura tal-imputat u li ma tiftakar assolutament xejn dwar dak li seħħ sakemm qamet fil-għodu ħdejn l-imputat f'appartament li wara saret taf li kien jinsab il-Bormla. Il-fatt illi huwa stabbilit illi l-vittma lanqas kienet taf fejn kienet qiegħda tant illi kellha tosserva l-inħawi madwarha minn ġol-vettura tal-imputat meta kien qed iwassalha d-dar, biex tirrejalizza u tistabbilixxi li l-appartament fejn spiċċat flimkien mal-imputat kien jinsab ġewwa l-Bormla, fil-fehma tal-Qorti tkompli tafferma kif

effettivament, il-verżjoni tal-vittma li hija ma tiftakar xejn wara li daħlet fil-vettura tal-imputat ġewwa tas-Sliema, sakemm qamet filgħodu, hija verosimili.

Kif inghad, l-imputat ma jiċħadx, għall-kuntrarju, jisħaq bla tlaqliq illi meta waslu fl-appartament tiegħu, huma kellhom x'jaqsmu flimkien sesswalment, liema kuntatt sar fuq inizzjattiva ta' -omissis- , u saret penetrazzjoni vaginali bil-kunsens pjen tagħha. Skont l-imputat, -omissis- kienet imqajma kif ukoll konxja waqt l-att sesswali u konsapevoli ta' dak kollu li kien qed iseħħ. Dan ifisser illi l-element tal-konġunġiment karnali, tramite penetrazzjoni vaginali, huwa stabbilit.

Iżda għalkemm il-Qorti kif diga` nghad, temmen li -omissis- ma tiftakar xejn dwar dan kollu, fl-istess waqt mill-provi ma jirriżultax b'mod konklussiv li -omissis- kienet effettivament mitlufa minn sensiha għal xi ħin jew għall-ħin kollu wara rikbet fil-vettura sakemm qamet fil-għodu. Dan qed jinghad għaliex jekk mill-provi jirriżulta konklussivament li hija kienet mitlufa minn sensiha, isegwi li ma setgħetx, f'dak l-istat fiżiku u psikoloġiku, taghħi kunsens b'mod volontarju kif jeħtieġ l-Artikolu 198. Mhux biss, iżda kienet tinsab ukoll fl-inkapaċita` li toffri resistenza kontra l-atti sesswali li ddeskriva l-imputat kif prospettat fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 201 tal-Kap. 9, bil-konsegwenti applikażzjoni tal-presunzjoni li l-penetrazzjoni titqies li tkun saret mingħajr kunsens. Iżda fil-każ in diżamina, għalkemm huwa minnu li gie stabbilit anke mill-ammissjoni tal-imputat innifsu, illi sar l-att sesswali matul il-perijodu meta skont -omissis- , hija ma tiftakar xejn minn dak li ġara, il-Qorti, rinfaċċjata bin-nuqqas assolut ta' rikollezzjoni da parti tas-soġġett passiv tal-avvenimenti in diżamina u rinfaċċjata wkoll bil-verżjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu li l-konġunġiment karnali kien konsenswali, ma jistax ikollha dik iċ-ċertezza morali li l-penetrazzjoni sesswali li ddeskriva l-imputat li seħħet matul il-lejl, seħħet mingħajr il-kunsens ta' Riddien-Lee għaliex kienet mitlufa minn sensiha jew għaliex inkella, għalkemm kienet intossikata bl-alkohol li xorbot kienet xorta wahda f'qagħda fejn kellha l-kapaċita' tirreżisti jew tagħżel liberament jekk taghmilx l-att sesswali mal-imputat jew le.

Għaldaqstant, wara li evalwat il-provi u ċ-ċirkostanzi kollha u qieset ukoll il-karenza ta' evidenza fl-atti li turi li waqt l-att sesswali bil-penetrazzjoni ravviżata fl-Artikolu 198 tal-Kap. 9 li ddeskriva l-imputat u li seħħew f'dak il-perijodu ta' ħin li fih -omissis- ma tifkakar xejn x'gara, l-istat psikoloġiku u emozzjonali tagħha ma kienx kompatibbli ma' nuqqas ta' volonta` libera, il-Qorti ma ssibx li hemm provi biżżejjed fil-grad meħtieġ fil-kamp penali li jwasslu għall-konklużjoni li dak l-att sesswali bil-penetrazzjoni, twettaq mingħajr il-kunsens tagħha.

Hawnhekk il-Qorti – wara li rat dak li gie mistqarr mill-imputat waqt l-interrogazzjoni meta ġie mistoqsi dwar l-effett li żewg tazzi inbid kellhom fuq -omissis- [37] - ma tistax ma tesprimix id-diżappunt tagħha li minkejja li jirriżulta illi -omissis- stqarret mal-Pulizija waqt li kienet l-Isptar, li hija bdiet tibża' li ġiet stuprata wara li xorbot żewġ tazzi tal-inbid, ma bdietx tħossha f'sikkitha u ma tiftakar xejn iktar x'ġara wara li rikbet fil-vettura sakemm qamet fil-għodu f'post mhux familjari[38], baqa' ma sarux testijiet tossikologi jew xort'ohra xjentifici biex jiġi stabbilit jekk it-tfajla kienetx ikkonsmat xi sustanza li kkaġunatilha din l-amnesija temporanja u jew naqqsitilha l-inibizzjonijiet. *Multo magis* meta hija rrikorriet fl-Isptar proprju għaliex kienet qed tħoss uġigħ intimu u beżgħet li kienet inqabdet tqila[39].

Ikkunsidrat;

Illi min-naħa l-oħra, kwantu għall-att sesswali li gie deskritt minn -omissis- meta hija qamet fil-għodu u hadet qatgha meta sabet ruhha f'post mhux magħruf, liebsa l-brassiere u panty u bl-imputat hdejha liebes biss *boxer shorts*, il-Qorti hija konvinta bl-iktar mod sħiħ illi f'dan il-każ, l-att sesswali seħħ mingħajr il-kunsens tagħha. **Hija konvinta wkoll illi minkejja l-vittma, meta fehmet illi l-imputat kien bi ħsiebu jagħmel l-att sesswali magħha, irrifjutat li jkollha x'taqsam miegħu u dan in-nuqqas ta' kunsens hija fehmitulu sija verbalment meta qaltlu ripetutament**

[37] Fol. 176 - *"nahseb naqsitilha naqra l-misthija jew ghax dratni, ma nafx jekk hux habba .... l-inbid jew hekk, jew ghax dratni, ma nafx."*
[38] Ara rapport a fol. 12.
[39] Hija xehdet ukoll illi meta waslet id-dar, rat id-demm fil-parti privata taghha.

**qabel kif ukoll matul l-att sesswali "*le, le, ma rridx*", kif ukoll fizikament meta pprovat timbottah lura minn sidru, l-istess imputat xorta wahda ippersista fl-azzjonijiet tiegħu, anke billi żammha bl-użu tal-forza fiżika biex ma tiċċaqlaqx**.

Ta' sikwit f'sentenzi tal-Qrati taghna li jittrattaw ir-reat ta' stupru, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** fejn l-elementi li sawwru ir-reat ta'l-istupru gew spjegati b'mod konċiż. Għalkemm qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XIII tal-2018 liema emendi raw l-element tal-vjolenza, bħala wieħed mill-elementi essenzjali u kostituttivi tar-reat ta' stupru taħt l-Artikolu 198 tal-Kap. 9, jiġi sostitwit b'dak tan-nuqqas ta' kunsens għall-konġunġiment karnali, il-Qorti tqis illi bosta mill-konsiderazzjonijiet fl-insenjament in materja għadhom jgħoddu ugwalment illum. Fis-sentenza appena msemmija, intqal hekk fir-rigward tal-prova ta' dan l-element kostittuttiv tar-reat ta' stupru:-

"*... Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari fuq l-eta` tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta' saħħa u l-forzi tagħhom, it-temperament jew karattru taghhom, kif ukoll fuq iċ-ċirkostanzi partikolari li jkun jinsab fihom is-suggett passiv. Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda effettiva, jigifieri li fil-każ konkret ikun hemm, bejn il-vjolenza adoperata u l-konġunġiment karnali, in-ness ta' kawza u effett, ta' mezz u fini. Fi kliem Maino: '... vano e pericoloso sarebbe il tentativo di disciplinare l'intensita`, i caratteri, l'idoneita` dei mezzi medesimi, se essi sono affatto relative al soggetto attivo e passive del delitto. Secondo l'eta`, lo stato della salute e delle forze ed il temperamento della vittima, puo` avvenire che raggiungano l'intento dei mezzi che considerati in se` stessi, nella generalita` dei casi, dovrebbero ritenersi inefficaci; o che riescano frustranei mezzi ed apparati per se` stessi, nella generalita` dei casi, idonei. L'indagine caratteristica del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuta contro la volonta` della vittima, e nonostante quella resistenza che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si reduce ad un apprezzamento delle circostanze del fatto che rientra nelle nozioni piu` ovvie della vita" (op. cit.,*

*para. 1463, pp. 178, 179). **Għalhekk ma huwiex il-każ … li biex ikun hemm l-istupru jrid ikun hemm, da parti tal-vittma, xi resistenza sa l-aħħar nifs, jew li l-istess vittma tant tkun irrezistiet fiżikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha***.” (emfasi ta' din il-Qorti)

Issa kif rajna, fil-każ in diżamina, -omissis- spjegat b'mod speċifiku u bl-irqaqat kollha tagħhu, is-sekwenza tal-manuvri tal-imputat – meta qamet fil-għodu u sabet ruħha f'post mhux magħruf, mingħajr ħwejjeġ u b'uġigħ fil-parti tagħha – b'liema manuvri huwa rnexxielu jisforza ruħu fuqha u jippenetraha vaġinalment. Manuvri li l-Qorti ma għandha l-ebda dubju li mhux biss jammontaw għal sfurzar iżda jimmanifestaw sewwasew in-nuqqas assolut ta' kunsens tagħha bħala s-soġġett passiv tal-att.

Huwa minnu li jirriżulta bl-ammissjoni tal-imputat stess waqt l-istqarrija tiegħu, illi meta huma waslu d-dar tiegħu bil-lejl huma kellhom x'jaqsmu sesswalment - liema episodju -omissis- ma tiftakar assolutament xejn dwaru - u qal ukoll li dan seħħ bil-volonta` u kunsens, jekk mhux ukoll fuq inizjattiva, tagħha. **Madanakollu, dan ma jfissirx illi l-atti sesswali l-oħra li twettqu fil-ħin ta' wara, kellhom ukoll, neċessarjament, isiru bil-kunsens tagħha. Dan qed jingħad għaliex jekk il-kunsens għall-penetrazzjoni jkun ġie rtirat, fi kwalunkwe stadju, anke waqt l-att innifsu, u dan in-nuqqas ta' kunsens ikun ġie komunikat effettivament lill-parti l-oħra, l-element essenzjali tar-reat jiġi nieqes bil-konsegwenza illi jekk l-aġent jibqa' għaddej f'dawk iċ-ċirkostanzi mibdula, ikun ħati tar-reat in diżamina**. Fir-rigward Blackstone[40] jgħid hekk:-

"*… if there is no longer consent to penetration, the man must withdraw (Kaitamaki v The Queen [1985] AC 147; Tarmohammed [1997] Crim LR 458). If the man is aware that a person has ceased to consent to penetration, he cannot claim that there was a consent to its continuation (Cooper [1994] Crim LR 531). In the event of a claim of a*

[40] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., B3.15.

*mistaken belief that consent persisted, an accused will be guilty of rape if he did not reasonably believe, having regard to all the circumstances, that the person continued to consent…*"

Issa fil-każ tal-att sesswali li deskriviet -omissis- waqt ix-xhieda tagħha, il-Qorti fehmet illi dan seħħ mingħajr ebda kunsens da parti tagħha, irrispettivament u indipendentement ta' xi allegat kunsens għal xi atti sesswali li setgħu saru qabel meta, kif stabbilit mill-provi, hija ma tiftakar assolutament xejn. Għalhekk, bħala episodju ta' konġunġiment karnali separat u indipendenti, il-kunsens tal-vittma għal xi penetrazzjoni li f'episodji preċedenti, anke dawk li setghu seħħew biss ftit tal-ħin qabel, huwa ftit jew wisq irrelevanti, anke għaliex fil-każ li xehdet dwaru l-vittma odjerna, huwa manifest li l-kunsens tagħha mhux biss għall-penetrazzjoni iżda għall-att sesswali nnifsu, kien kompletament mankanti mill-bidu nett[41].

Il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza meta tikkontendi illi peress illi l-ħwejjeġ ta' -omissis- kienu għadhom intatti u peress li fuq il-persuna tagħha ma nstabux leżjonijiet bħal grif u marki oħrajn, allura dan ghandu jitqies bħala indikażżjoni li l-konġunġiment karnali seħħ bil-kunsens tagħha jew ma kienx hemm resistenza. Għalkemm huwa minnu li Dr. Mario Scerri, l-espert mediko-legali maħtur fl-Inkjesta, ma rriskontrax sinjali ta' vjolenza fuq il-persuna ta' -omissis- , mix-xhieda tat-Tabib Dr. Nicholas Felice li kien eżamina lil -omissis- ġewwa l-Isptar fis-17 ta' Awwissu 2019, kif ukoll min-notamenti li saru waqt l-eżami mediku, jirriżulta illi hija kellha tbenġila friska fuq il-warrani tal-lemin u l-pazzjenta kienet spjegatlu li din ġiet minħabba li hija kienet qed tipprova taħrab minn dak li kien qiegħed jiġri.

Il-Qorti semgħet u rat lill-istess -omissis- tispjega fid-dettall l-azzjonijiet tal-imputat waqt l-att sesswali li għalih hija ma tatx il-kunsens tagħha u kif minkejja dan, l-imputat imbottaha lura ghal fuq is-sodda, żammha minn sidirha, illubrika l-parti

[41] Blackstone jghid ukoll hekk: "*In R. v. Hysa, EWCA Crim 2056 … Hallett LJ stated (at [31]) that simply because the complainant did not say 'No' at the moment of initial penetration was not fatal to the prosecution case. There is no requirement that absence of consent has to be demonstrated or communicated to the accused (Malone [1998] 2 Cr App R 447)*".

tiegħu bi bżiequ stess u ppenetraha. Fissret ukoll kif biex dawwarha fuq ġenb u jippenetraha minn wara, huwa qabadha "*mill-genb tal-koxxa fuq*" naħa tal-lemin u qalibha[42]. Fil-fehma tal-Qorti, it-tbenġila li ġiet riskontrata fuq il-warrani tagħha, naħa ta' fuq tal-lemin, hija kompatibbli mal-manuvra tal-imputat u l-forza eżerċitata minnu, kif deskritta mill-vittma, biex jegħleb ir-reżistenza li kienet qieghda timmanifesta l-vittma.

Huwa minnu wkoll illi mill-provi jirriżulta li inizzjalment, -omissis- setghet offriet ferm iktar resistenza kontra l-forza eżerċitata mill-imputat biex iseħħ l-att sesswali, milli wriet wara li l-imputat irnexxielu jaqlibha fuq ġenbha u jippenetraha minn wara, **iżda l-Qorti ma tqisx li l-fatt illi l-vittma setgħet sussegwentement naqqset ir-resistenza jew ċediet għall-att sesswali billi ma baqgħetx tipprova tissara mal-imputat u tirreżisti b'turija ta' forza jew bi tqanqil żejjed, għandu jimmilita kontra l-prova li l-konġunġiment karnali ġie effettivament inflitt fuqha u twettaq mingħajr il-kunsens tagħha**[43].

Fir-rigward ingħad illi:-

"*There is a difference between consent and submission; every consent involves a submission, but it by no means follows that every submission involves consent". Coleridge J.Day [9 C.& P. 722 at pg 724.*"[44]

Kif jirriżulta mill-insenjament ċitat iktar qabel, u kif meħtieġ ukoll mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 198(3) tal-Kap. 9, il-prova li l-konġunġiment karnali twettaq mingħajr kunsens tas-soġġett passiv tar-reat u kontra l-volonta` tagħha, għandha tiġi evalwata fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u tal-istat tal-persuna. Issa fil-każ in diżamina, il-Qorti hi sodisfatta – anke għaliex dan xehditha hija stess –

[42] Fol. 78. A fol. 77 :-
"Qorti: *Jigifieri dawwrek,* ***qabbdek mill-hip tal-lemin*** *u dawwrek u genb wahda u hu kien gie min-naha ta' wara.* Xhud : *Ehe* » [emfasi tal-Qorti]

[43] Ghandu jinghad li anke wara li l-imputat dawwarha fuq genb wiehed u b'risposta ghad-domanda tieghu « *Int hekk ?* », hija qaltlu « *Hekk kif ? … Jien dejjem inhalli madwar xahar biex naghmel ma' persuna.* », fol. 78.

[44] Citat fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis**, Qorti tal-Magistrati deciza 24.2.2012.

li -omissis- kienet qiegħda tħossha skomda, sentiment li hu ferm komprensibbli meta wiehed jikkunsidra li meta qamet, hija sabet ruħha f'post mhux magħruf mhux biss mingħajr amment tal-eventi tas-sigħat preċedenti iżda fil-ħwejjeġ ta' taħt biss, b'sensazzjoni ta' uġigħ fil-parti privata tagħha u fis-sodda ma' persuna – l-imputat – li kienet għadha tiltaqa' miegħu l-ewwel darba ftit sigħat qabel. Fir-rigward, hi xehdet hekk :- « *Jien bdejt nibza' nsaqsieh as such x'gara, kif spiccajt ... ifhem jien meta qomt hadt qatgha, tipo ma kontx naf fejn qeghda u hekk* ».

Il-Qorti fehmet ukoll illi din l-iskumdita` sussegwentement sarrfet f'biża' li kompliet taħkem lil -omissis- tant illi baqgħet ma rrapportatax l-allegat stupru lill-Pulizija ħlief wara illi saru diversi tentattivi da parti tal-istess Pulizija biex tirrakkonta dak kollu li effettivament ġara inkluż tikxef l-isem tal-allegat aġent tal-istupru. WPS 210 Tanya Mangion xehdet hekk dwar dak li qaltilhom il-vittma meta marru jkellmuha l-Isptar fis-16 ta' Awwissu 2019: "*... pero` bdiet tibza' tghidli isem dan il-guvni. Hakmitha l-biza' dak il-hin.*"[45]

Il-Qorti lanqas tista' taqbel mad-difiża meta fis-sottomissjonijiet orali, sostniet illi kieku -omissis- verament kienet qed tiġi stuprata mill-imputat, kienet tgħajjat jew tgħolli leħinha biex tiġbed l-attenzjoni ta' terzi persuni. Ġie sottomess waqt it-trattazzjoni finali illi tant kienet qieghda tikkonsentixxi għall-att sesswali illi t-tfajla lanqas għajtet biex tigbed l-attenzjoni li kien qed jigri xi ħaġa mhux normali, għaliex kieku għamlet hekk, bil-bieb u t-twieqi tal-kamra miftuħin, hija kienet tinstema' mhux biss minn omm l-imputat li dak il-ħin kellha tkun rieqda fl-istess appartament, iżda wkoll minn kull min kien għaddej fit-triq ta' taħt, liema triq gie allegat li hija waħda ċentrali, qrib ħafna tal-Knisja tal-Bormla. Iżda fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi -omissis- ma għajtitx għall-attenzjoni u ma qajmitx storbju jew paniku żejjed waqt l-att sesswali mhux konsenswali li seħħ fil-għodu u li ddeskriviet waqt ix-xhieda tagħha, ma jnaqqas xejn mill-kredibbilita` tal-verżjoni tagħha jew mill-fatt li, kif ampjament stabbilit mill-provi, l-att sesswali ġie inflitt fuqha mingħajr il-kunsens tagħha. Dan

[45] Xhieda tal-14 ta' Ottubru 2019.

qed jingħad għaliex, kif diġa` kkunsidrat, in-nuqqas ta' reżistenza, inkluż għalhekk reżistenza vokali, meta s-soġġett passiv ikun gie rinfaċċjat b'sikkatura fiżika jew morali, ma jimmilitax kontra t-twettiq ta' att sesswali mingħajr kunsens, ukoll minħabba dak li jfisser il-Blackstone:-

*"... a complainant who simply freezes with no protest or resistance may nevertheless not be consenting. To have the freedom to make a choice a person must be free from physical pressure, but it remains a matter of fact for a jury as to what degree of coercion has to be exercised upon a person's mind before he or she is not agreeing by choice with the freedom to make that choice.*"

Dan jgħodd ukoll għas-sottomissjoni tad-difiża illi fil-fehma tagħha, huwa diffiċli jitwemmen kif, kieku verament hija giet stuprata mill-imputat, l-allegat vittma aċċettat li l-aggressur innifsu jwassalha d-dar u baqgħet tfittex ħwejjigha minflok qabdet u telqet mill-appartament tieghu. Kif diga` ngħad, wiehed ma jistax jistenna li kull vittma tirrejaġixxi bl-istess mod għat-trawma tal-esperjenza tal-isturpu u kull każ ghandu jigi evalwat abbażi taċ-ċirkostanzi partikolari tieghu. Fil-każ in diżamina l-Qorti ma tqisx illi l-fatt li l-vittma aċċettat li l-aggessur tagħha jwassalha d-dar minflok sabet mezzi oħrajn biex titlaq, jista' jimmilita kontra l-kredibbilita` tal-verżjoni tagħha *multo magis* meta wieħed iqis illi, kif diġa` ġie ampjament stabbilit, -omissis- ma kellha l-ebda ħjiel fejn kienet meta qamet fil-għodu u l-ebda memorja ta' x'kien ġara matul il-lejl ma' persuna li kienet appena ltaqghet mieghu fuq *blind date*. Inoltre, hawnhekk il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi meta giet mistoqsija dwar dan waqt il-kontro-eżami u reġgħet spjegat x'wassalha taċċetta li l-imputat iwassalha d-dar, hija saret emozzjonata ħafna partikolarment meta giet biex tfisser kif kienet qieghda tħossha meta ma kienetx taf ġewwa liema lokalita' u residenza kienet effettivament tinsab.

L-imputat qal waqt l-istqarrija u d-difiża sottomettiet waqt it-trattazzjoni finali, li kien hemm ommu rieqda fl-appartament u għalhekk m'huwiex verosimili li huwa kellu x'jaqsam ma' -omissis- kontra l-volonta' tagħha, iktar u iktar meta jirriżulta illi l-bieb

tal-kamra tieghu kienet miftuha. Iżda l-Qorti m'hija konvinta xejn b'din it-tezi tal-imputat lanqas sal-grad tal-probabbli. Ibda biex -omissis- xehdet illi l-imputat fl-ebda ħin ma qalilha li kien hemm ommu rieqda fl-istess appartament. Barra minn hekk, għalkemm huwa verosimili li meta waslu fl-appartament bil-lejl, omm l-imputat setghet kienet rieqda, m'huwa xejn affattu verosimili li fil-għodu la ġiet ommu tittawwallu u lanqas l-imputat ma kellimha jew qalilha li ħiereġ biex iwassal lit-tfajla d-dar. Fuq kollox, kien l-imputat innifsu li stqarr waqt l-interrogazzjoni, li ommu "*ma tantx torqod*". F'kull każ, l-imputat naqas milli jssostni l-allegazzjoni tiegħu li dak il-ħin kien hemm ommu d-dar: allegazzjoni li, kieku dak li stqarr l-imputat huwa minnu, setghet tiġi faċilment korroborata bil-provi. Iżda fic-cirkostanzi, fin-nuqqas ukoll ta' ebda prova, din l-allegazzjoni hija nieqsa minn kull kredibbilita`, bħalma hija nieqsa minn kull ħjiel ta' kredibbilita' l-allegazzjoni tiegħu illi -omissis- qaltlu li riedet terġa' tiltaqa' miegħu. Allegazzjoni li ġiet imxejna mill-imputat innifsu meta stqarr li t-tfajla baqgħet ma weġbitux minkejja li bagħtilha żewġ messaġġi – wieħed minnhom fejn staqsiha jekk għadhiex ħajja.

**Il-Qorti abbażi ta' dan kollu, hija moralment konvinta li l-fatti ġraw kif ġew rakkontati minn -omissis- fix-xhieda tagħha u ċioe` li hija raqdet f'daqqa meta rikbet fil-vettura tal-imputat u ma tiftakarx xejn iktar, u wara li qamet fil-għodu u kienet fi stat diżorjentat kif ukoll muġugha u mbeżża' għaliex ma kienetx taf x'kien ġara matul il-lejl u lanqas f'liema post spiċċat u kif spiċċat hemmhekk, l-imputat sforza ruhu fuq il-vittma u għamel magħha dawk l-atti sesswali kollha li hija ddeskriviet fix-xhieda tagħha kontra r-rieda u minkejja r-rifjut espress tagħha. Dan l-aġir huwa stupru kif definit fil-Ligi u konsegwentement l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija sodisfacjentement pruvata. Għaldaqsant, l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat taħt l-Artikolu 198(1) tal-Kap. 9, addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni.**

Ikkunsidrat;

Fit-tieni akkuza, l-imputat gie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 198(2) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi:-

(2) *Kull min, bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, jikkaġuna persuna oħra sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali msemmija fis-subartikolu preċedenti ma' kwalunkwe persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.*

Diġa' gie stabbilit għall-fini tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-ewwel subartikolu tal-Artikolu 198 tal-Kap. 9, illi l-imputat mingħajr kunsens tal-vittma, -omissis- , ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri ippenetraha vaġinalment waqt bl-organu sesswali tiegħu stess. Iżda għalkemm, kif gia` stabbilit, fil-każ in diżamina l-imputat uza pressjoni mhux kif imiss biex jikkommetti konġunġiment karnali ma' -omissis- , mill-provi ma jirriżultax li huwa ġiegħlha tikkommetti xi att sesswali bħal dak jew ikkaġunalha tissubixxi konġunġiment karnali jew att sesswali iehor li jinvolvi penetrazzjoni vaginali, anali jew orali tax-xorta mfissra fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 198, **ma' xi persuna ohra**. Effettivament, il-provi kollha fl-atti processwali konċernanti l-konġunġiment karnali li seħħ fl-14 u fl-15 ta' Awwissu 2019, jirrigwardaw biss u unikament lill-imputat u lil -omissis- u l-ebda persuna ohra.

Il-Qorti f'kull każ ma tistax ma tosservax illi l-kliem tat-tieni imputazzjoni ma jirrispekkjawx korrettement id-diċitura tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 198 tal-Kap. 9 għaliex imkien fl-imsemmija akkuza ma jissemmew il-kliem "*ma' kwalunkwe persuna ohra*", liema terza persuna tikkostitwixxi, evidentement, wieħed mill-elementi materjali essenzjali tar-reat in diżamina. Kif impostata t-tieni imputazzjoni, dan l-element materjali ma jissemma mkien u konsegwentement, ġaladarba mhux imfassla b'riproduzzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-liġi penali li tikkostitwixxi reat kriminali, l-imputat ma jista' qatt fi kwalsiasi każ, jinstab ħati tal-imputazzjoni kif imfassla.

Ikkunsidrat;

Permezz t-tielet imputazzjoni, l-imputat ġie mixli bir-reat taħt l-Artikolu 86 bl-aggravju prospettat taħt il-paragrafu (g) tal-Artikolu 87(1) tal-Kap. 9.

Dan jipprovdi illi huwa ħati tar-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-liġi, kull min: "*... bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, ubarra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrat...*", liema delitt sar bħala mezz biex persuna tiġi imġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess ta' dik il-persuna.

Sabiex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u ċioe` l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti[46]. Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu[47] jgħid hekk dwar l-element materjali tar-reat in diżamina:-

*"... the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid, para 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"[48]

---

[46] **Il-Pulizija vs Chrisopher Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fis-7 ta' Mejju 2001.
[47] *Notes on Criminal Law* [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[48] **Il-Pulizija vs Mohamed Elbozidi** – Qorti tal-Appell Kriminali (Inf.), deciz fid-19 ta' Frar 2004. Ara wkoll **Il-Pulizija (Sp. Jesmond Borg) vs Joanne Ellul** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciz fit-28 ta' Frar 2018.

Issa fil-każ in diżamina, huwa minnu li mill-provi jirriżulta li l-imputat, biex wettaq ir-reat ta' stupru, imbotta lil vittma lura fuq is-sodda u minkejja li hija pprovat timbottah minn sidru u qaltlu li ma tridx, hu baqa' jisforza ruhu fuqha billi jżommha b'saħħtu biex ma timbuttahx lura. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jirriżulta li dan is-sekwestru tal-persuna jikkostitwixxi mhux ir-reat ravvizat fl-Artikolu 86 tal-Kodici bl-elementi meħtieġa skont kif imfissra fl-insenjament appena rapportat, iżda pjuttost mezz għall-fini tal-kommissjoni tar-reat ta' stupru.

Fir-rigward, issir referenza ghas-sentenza moghtija mil-Qorti Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino u Anthony Pandolfino**, deċiża fid-19 ta' Ottubru 2006, fejn gie ritenut li meta s-sekwestru jew l-arrest ta' persuna jkun il-mezz sabiex jitwettaq ir-reat ta' stupru, korruzzjoni ta' minorenni jew attentat vjolenti fuq il-pudur, ma tistax treġġi ukoll ir-reat ta' sekwestru tal-persuna taħt l-Artikolu 86 tal-Kodici Kriminali[49]:-

"*Illi mistoqsija in kontro-ezami fuq liema provi l-Pulizija kienet ibbazat l-akkuza ta' sekwestru tal-persuna, l-Ispettur Louise Calleja kienet irrispondiet li din l-akkuza kienet bazata fuq il-fatt li l-akkuzati kienu jitilghu fuq it-tfal biex jaghmlu l-atti sesswali fuq deskritti. Pero' fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-fatt se mai, hu ingredjent jew element tal-akkuza ta' stupru vjolenti dedotta fl-Ewwel u fir-Raba' Kapi jew dik ta' korruzzjoni ta' minorenni kontenut fit-Tieni u l-Hames Kapi kontra l-akkuzati rispettivi u ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru per se. Kieku kien hekk, kull att sesswali anki bejn "consenting adults" taz-żewġ sessi kien ikun jammonta ghal reat ta' sekwestru ghax hu risaput li f'hafna każi l-att sesswali f'certi aspetti tieghu jimplika certu immobilizzar ta' persuna minn persuna ohra. Umbaghad il-fatt li waqt li jkun qed isir att sesswali, persuna taghalaq il-bieb fejn tkun u anki ssakkru minn ġewwa biex ma jidhol hadd fuqha w fuq il-persuna jew persuni ohra li jkunu mieghu, per se zgur li ma jammontax ghar-reat ta' sekwestru…*"

---

[49] Dan l-insenjament gie riaffermat diversi drabi : ara fost ohrajn **Il-Pulizija vs. Joseph Magro**, deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, 10 ta' Dicembru 2012.

Applikat dan l-insenjament għall-każ in diżamina, l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat taħt l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 kif addebitat lilu fit-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat ;

Illi l-imputat gie mixli wkoll li huwa kkommetta r-reat ta' stupru li tiegħu qed jinstab ħati, addebitat lilu fl-ewwel akkuża, waqt li kien meħlus mill-arrest u kwindi bi ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu għall-fini tad-digriet li bih ingħata l-helsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja fotostatika ta' dan id-digriet,[50] mogħti fis-26 ta' April 2019 minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri *Il-Pulizija (Spettur Joseph Xerri) vs. Tyson Grech*, liema kopja ġiet awtentikata mid-Deputat Registratur tal-Qrati, Marisa Borg. Fix-xhieda tiegħu[51], l-istess Spettur Joseph Xerri ikkonferma illi Tyson Grech li ngħata l-ħelsien mill-arrest permezz tad-digriet in kwistjoni huwa l-istess imputat fil-proceduri odjerni u illi l-proċeduri kriminali li fihom l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, kienu għadhom pendenti sad-data tad-depozizzjoni tieghu.

Ix-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur fil-kawża fejn l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, baqgħet ma ġietx kuntrastata u d-difiża naqset milli tressaq prova kuntrarja li turi illi effettivament, dan id-digriet ma kienx fis-seħħ jew li ġiet varjata in kwantu għall-kundizzjoni li l-imputat qed jiġi mixli bil-ksur tagħha. F'kull każ, il-Qorti tqis illi l-kopja fotostatika tad-digriet, awtentikata bil-firma u t-timbru tad-Deputat Registratur tal-Qorti li erogat l-istess digriet, flimkien mal-fatt illi dan id-digriet ġie esebit bil-ġurament tal-Uffiċjal Prosekutur fil-proċeduri kriminali relattivi, hija l-aħjar prova dwar x'kienu l-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuq l-imputat fiż-żmien meta wettaq ir-reat ta' stupru fuq -omissis- [52].

[50] Dok. JX, fol. 279.
[51] Xhieda tal-1 ta' Diċembru 2020.
[52] Ara fost oħrajn is-sentenza recenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali **: Il-Pulizija vs. Christian Cali**, deciz 2.3.2021.

Il-Qorti tosserva wkoll illi skont id-digriet tas-26 ta' April 2019, waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuq l-imputat hija li huwa ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u ġaladarba huwa qieghed jinstab hati li wettaq sturpu fil-15 ta' Awwissu 2019 meta huwa kien għadu meħlus mill-arrest, jikkonsegwi illi effettivament, l-imputat naqas milli jhares waħda mill-iktar kondizzjonijiet gravi imposti mill-Qorti fid-digriet li bih tatu l-ħelsien mill-arrest u għaldaqstant, huwa hati tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 lilu addebitat fir-raba' akkuza.

Ikkunsidrat ;

Dwar l-addebitu tar-recidiva taħt l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, il-Qorti tosserva illi in sostenn ta' dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali tal-imputat kif ukoll vera kopja fotostatika awtentikata mid-Deputati Registraturi relattivi, ta' tliet sentenzi lkoll fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Tyson Grech* u lkoll moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta : (i) sentenza Dok. EH7[53] datata 10 ta' Jannar 2017 fejn l-imputat f'dawk il-proceduri ġie liberat kondizzjonalment bl-applikażżjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' sentejn; (ii) sentenza Dok. EH8[54] datata 3 ta' Frar 2016 fejn l-imputat f'dawk il-proċeduri ġie kundannat fuq ammissjoni, multa ta' €118; (ii) sentenza Dok. EH9 fejn l-imputat f'dawk il-proċeduri ġie liberat kondizzjonalment bl-applikażżjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 għal perijodu ta' tmintax-il xahar[55]. Ir-Registratur tal-Qorti xehdet illi ma sar l-ebda appell minn xi waħda minn dawn is-sentenzi appena msemmija[56].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

---

[53] Fol. 138 *et seq*.
[54] Fol. 282 u 283. Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2021 id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq id-Deputat Registratur biex tikkonferma il-firma taghha fuq Dok. EH9
[55] Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2021, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq id-Deputat Registratur biex tikkonferma il-firma taghha fuq Dok. EH9.
[56] Xhieda tat-12 ta' Mejju 2021.

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tiġi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ressqet l-aħjar prova għall-fini tal-addebitu tar-reċidiva : madanakollu kwantu għaż-żewg kundanni permezz tas-sentenzi Dok. EH7 u Dok. EH9, fejn il-ħati ingħata sanzjoni kontemplata fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446), ingħad hekk fir-rigward:-

"*Issa, kif din il-Qorti dejjem irriteniet, persuna ma tistax titqies recidiva fir-rigward tal-mezzi ta' trattament kontemplati fil-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara, per ezempju, f'dar-rigward l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra deciz fit-30 ta' April 2008 u l-Appell Kriminali Il-Pulizija v. George Desira deciz fid-9 ta' Jannar 2013.*"[57]

Kwantu mbagħad għas-sentenza mogħtija fit-3 ta' Frar 2016 (Dok. EH8), l-Prosekuzzjoni esebiet sija l-komparixxi kif ukoll is-sentenza mogħtija fil-konfront tal-hati, Tyson Grech. Il-Qorti tosserva illi għalkemm il-komparixxi li taddebita l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' Tyson Grech, fiha l-konnotati kollha tiegħu liema konnotati huma identiċi għal dawk tal-imputat odjern, is-sentenza formali mogħtija mill-Qorti fuq dik l-imputazzjoni ma tagħmel l-ebda referenza kwalsiasi għall-konnotati tal-ħati, u dan kif sewwa ġie sottomess mid-difiza waqt it-trattazzjoni finali.

[57] **Il-Pulizija vs Lydon Cutajar** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6.2.2013

Jirriżulta iżda illi din l-istess sentenza, li hemm qbil li ma gietx appellata, ġiet ukoll miktuba bl-idejn fuq l-istess komparixxi li fiha l-konnotati kollha identiċi tal-imputat odjern. F'dawn iċ-ċirkostanzi, anke għaliex hawnhekk il-materja taħt ezami m'hijiex dwar il-validita` o meno tal-imsemmija sentenza, il-Qorti tqis illi għall-fini tal-prova dwar ir-reċidiva, il-prova li ressqet il-Prosekuzzjoni konsistenti fil-kopja vera fostostatika tal-komparixxi kontenenti d-deċiżjoni tal-Qorti miktuba *di proprio pugno* kif ukoll iffirmata mill-Maġistrat li ppresjediet il-kawza - debitament awtentikata mir-Reġistratur - bħala prova tajba u suffiċjenti u għaldaqstant, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex issib lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 49 iżda mhux ukoll taħt l-Artikolu 50 tal-Kap. 9.

Dan qed jingħad stante illi ma jirriżultax mill-atti u mill-provi[58] illi l-multa inflitta permezz tas-sentenza tat-3 ta' Frar 2016, ġiet imhallsa. Kif inhuwa risaput, l-Artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jista' jkun applikabbli biss fir-rigward ta' pieni skontati jew maħfura entro l-perijodu stipolat fl-istess provvediment legali : dan ifisser illi ġaladarba l-multa in diżamina għadha mhux imħallsa, il-piena ma titstax titqies li giet skontata, bil-konsegenza ulterjuri li l-perijodu ta' ħames jew għaxar snin, skont il-każ, għadu lanqas beda jiskatta. Għalkemm din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tista' tagħti lok ghal abbuż bin-nuqqas ta' ħlas tal-multa inflitta għaliex kif rajna, in-nuqqas ta' ħlas ikun ifisser li l-piena pekunarjarja ma tistax titqies skontata, huwa wkoll minnu li din hija t-tifsira letterali tad-diċitura tal-Artikolu in diżamina u kif inhuwa risaput, il-ligijiet proċedurali, li huma ta' ordni pubbliku, jeħtiegu interpretazzjoni *alla lettera* u mhux *per equipollens*.

Ikkunsidrat ;

Għalkemm l-Avukat Generali indika fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, ma jistax jiġi ravviżat f'dan il-każ l-eżistenza tar-reat kontinwat. Kif inhuwa risaput, dan huwa kunċett legali li jinċidi fuq il-komputazzjoni tal-piena f'każ

[58] Ma hemm ebda referenza ghall-hlas fil-fedina penali tal-imputat a fol. 10, Dok. EH2.

ta' infrazzjonijiet multipli tal-istess liġi, sabiex fejn jigi riskontrat l-element tal-kontinwita` tar-reat, dan il-kunċett jopera għall-benefiċċju tal-imputat billi r-reati separati jinġabru flimkien biex jitqiesu bhala reat wieħed, imsejjaħ kontinwat.

Huwa minnu li l-imputat qed jinstab hati tar-reat taħt l-Artikolu 198(1) tal-Kap. 9 kif ukoll hati tar-reat taħt l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 iżda huwa evidenti illi l-atti li jikkostitwixxu l-element materjali ta' dawn iż-żewg reati ma jiksrux l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ċertament ma jirriżultax li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibux ħati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 198(1)(3) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil TYSON GRECH ħati tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-Artikolu 49 iżda mhux taħt l-Artikolu 50 tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah sitt (6) snin priġunerija u multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200).**

**Għall-fini tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna il-konfiska tad-depożitu sħiħ fis-somma ta' tmien mitt Euro (€800) kif ukoll tas-somma ta' elfejn Euro (€2,000) mis-somma stabbilita għall-fini tal-garanzija personali skont id-digriet tas-26 ta' April 2019 li permezz tieghu il-ħati ngħata l-ħelsien mill-arrest, ossia somma totali ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) u tilqa' wkoll it-talba tal-Prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u konsegwentement tordna l-arrest mill-ġdid ta' Tyson Grech.**

**Billi tqis li huwa meħtieġ u spedjenti sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' -omissis- , qiegħda b'żieda mal-piena, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin kontra l-istess TYSON GRECH a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta għal żmien sentejn u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment, liema terminu għandu jibda jiddekorri wara li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**B'applikażżjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil TYSON GRECH iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti is-somma totali ta' elfejn erba' mija u tnejn u tmenin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€2,482.87)[59] rappreżentanti l-ispejjeż tal-esperti mahturin fil-*proces-verbal* tal-Inkjesta u dan fi żmien sena mil-lum.**

**Għal dan il-fini tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.**

**Tipprojibixxi l-pubblikażżjoni f'kull mezz li jkun, tal-isem tal-parti offiża, -OMISSIS- , in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri u din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[59] Keith Cutajar (€418.23, fol. 69); Dr. Mario Scerri (€273.40, fol. 82); Dr. Marisa Cassar (€1,791.24, fol. 276)